MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru 356/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Sultana**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Sultana talli nhar it-8 ta' Frar 2001 ghall-habta ta' l-4.30 ta' filghaxija f'Rabat Rd., Nadur;

(1) ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Concetta Azzopardi minn Nadur skond kif iccertifika t-tabib Dr Ian Galea MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;
(2) ikkaguna hsara fuq mohriet u l-karru ghad-detriment ta' Koronata Azzopardi minn Nadur;
(3) saq karrozza bin-numru tar-registrazzjoni EAX 908 tal-ghamla Suzuki Alto b'manjiera traskurata, perikoluza u jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;

(4) saq il-vettura hawn fuq imsemmija minghajr polza ta’ l-assigurazzjoni skond il-ligi;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-1 ta’ Novembru, 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Sultana hati skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjonijiet izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra, u kkundannatu multa ta’ erba’ mitt lira (Lm400) “pagabbli fi zmien xahar mil-lum”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Paul Sultana, minnu prezentat fit-13 ta’ Novembru 2006 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens illi huwa jigi lliberat wkoll mill-ewwel u mit-tielet imputazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007; ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant, fis-semplicita` tieghu, hu li huwa b’ebda mod ma kien traskurat ossia negligenti jew li saq b’mod perokoluz jew li ma harisx ir-regolamenti tat-traffiku.

Dan l-incident huwa pjuttost insolitu, ghalkemm f’ambjent rurali bhalma huwa f’Ghawdex, u anke f’certi partijiet ta’ Malta, sitwazzjoni bhal dik li sehhet f’Rabat Road, in-Nadur fit-8 ta’ Frar 2001 forsi mhix xi haga daqstant insolita. L-isfond jista’ jinghata fi kliem l-istess Qorti Inferjuri:

**“Illi permezz ta’ din il-kawza l-imputat qed jigi akkuzat b’diversi akkuzi in konnessjoni ma’ incident stradali fit-triq li tiehu min-Nadur ghar-Rabat u li fih kienu involuti karozza misjuqa minnu u mohriet bil-karru warajh misjuq mill-imsemmija Koronata Azzopardi, li kellha l-ohtha Concetta Azzopardi riekba bilqieghda thares lura fuq in-naha ta’ wara tal-karru. Iz-zewg vetturi kienu nezlin fl-istess direzzjoni lejn ir-Rabat. Kienu ghall-habta tal-4.30 pm f’gurnata xitwija, u allura kien hemm ix-xemx niezla mill-punent, faccata taghhom. Fis-siegha w l-hin l-imputat iddecieda li jaqbez il-mohriet u qalgha ‘l barra. Is-sewwieq tal-**

**mohriet iddecidiet hi wkoll li taqla' daqsxejn 'l barra, billi kien hemm karozza pparkjata fil-genb tat-triq. Ghal xi raguni l-imputat baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tal-karru u laqghat lil Concetta Azzopardi li garrbet feriti gravi f'idejha u saqajha. Il-mohriet bid-daqqa li rcieva beda jdur tond sa ma spicca laqat il-karozza pparkjata."**

L-ewwel qorti attribwit il-htija ghall-habta lill-appellant, ghalkemm ghal dik li hija htija ghall-hsara fizika li garrbet Concetta Azzopardi (l-ewwel imputazzjoni) kienet tal-fehma li l-istess Concetta Azzopardi kkontribwiet ghall-offiza ta' natura involontarja minnha sofferta minhabba l-mod imprudenti li bih hija ghazlet li toqghod fuq il-karru. Skond l-ewwel qorti id-dinamika tal-incident sehhet hekk:

**"L-imputat li kien qed jigi mfixkel bix-xemx niezla faccata tieghu, lemah li kien hemm mohriet ghaddej bil-mod quddiemu u allura ghamel il-hsieb li jaqilghu. Imma ma ndunax li dan fl-istess hin kien qed jaqla' wkoll 'l barra, billi kien hemm karozza pparkjata fil-genb tat-triq. X'hin induna kien tard wisq, applika l-*brakes* fi sforz li jevita l-habta, imma ghalxejn."**

Skond l-abbili difensur tal-appellant, l-istess appellant ma ghamel ebda manuvra perikoluza u anqas kien qed isuq b'xi velocita` eccessiva. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha – li f'dan il-kaz jinsabu kompilati – u ma tara assolutament xejn x'ticcensura fis-sentenza appellata. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, u kif tajjeb osservat ukoll il-Perit Gudizzjarju Dott. Georgina Scicluna Bajada fir-relazzjoni taghha, dak li gara kien dovut ghal nuqqas ta' *proper look-out* da parti ta' Sultana. Il-fatt li kellu x-xemx direttament f'ghajnejh kienet raguni biex huwa se mai jirrallenta aktar u joqghod attent aktar, <u>jew addirittura jekk hemm bzonn jieqaf kompletament</u>, u mhux li jkompli jsuq meta kien momentanjament accekat. Kien jinkombi fuq l-appellant li l-manuvra ta' sorpass jaghmilha <u>biss</u> meta jkun cert li mhux ser ikun ta' hsara ghal haddiehor – kemm ta' quddiemu kif ukoll ta' warajh – u kieku huwa zamm *a proper look-out* huwa kien jintebah bil-karozza parkeggjata u allura janticpa l-manuvra li necessarjament

kellha taghmel Kornata Azzopardi. Kellu wkoll izomm f’mohhu u jiehu qies – kif accennat ukoll l-ewwel qorti fis-sentenza taghha – tal-fatt li mohriet huwa ferm aktar *slow* min karozza normali u fl-istess waqt anqas manuvrabbli, u ghalhekk kif ra l-mohriet, anke jekk f’certu distanza quddiemu, huwa kellu jirregola s-sewqan tieghu billi jiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta’ xahar zmien ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------